**30 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Giovanna Mangion

*versus*

Joseph Meli Bugeja et.

**Ċessjoni ta' Kawża — Rifużjoni tal-Ispejjeż — Benefiċċju tal-Foqra — Art. 910(1)(2) tal-Proċedura Ċivili**

*Il-parti li tirrinunzja għall-atti ta' kawża hija obligata tħallas l-ispejjeż ta' dik il-kawża, u ma tistgħax tibda kawża oħra għall-istess azzjoni qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra.*

*Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll meta l-azzjoni tiġi riproposta f'Qorti diversa minn dik li quddiemha kienet ġiet qabel proposta; u dan id-difett ma jistgħax jiġi sanat billi l-parti li naqset tħallas dawk l-ispejjeż toffri l-ħlas tagħhom waqt it-trattazzjoni tal-kawża riproposta.*

*Lanqas ma hu ta' ostakolu għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni l-fatt illi l-parti tkun ġiet ammessa għall-benefiċċju tal-foqra biex tistitwixxi l-ġudizzju mill-ġdid.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi b'mandat ta' qbid tal-14 ta' Mejju 1959, li jġib in-numru 153 ta' dik is-sena, ġew maqbuda mobbli li jappartjenu lilha, u għalhekk dak il-mandat ma għandux iseħħ fuqhom; talbet illi dak l-istess mandat jiġi revokat, billi l-oġġetti bis-saħħa tiegħu maqbuda jappartjenu lilha u lill-uliedha minuri, u mhux lill-konvenut. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-attriċi ġa darb'oħra bdiet kawża għall-istess azzjoni quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina (Prim'Awla), u rrinunzjat għall-attijiet tagħha b'nota in data 3 ta' Ottubru 1959 (Ċitaz. Nru. 52/359);

Illi, skond il-liġi, ir-rinunzja ġġib l-istess effetti tad-deżerzjoni, u l-parti li tirrinunzja għall-attijiet għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża, u hija ma tistgħax tibda kawża oħra għall-istess azzjoni qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra (art. 910(1)(2) Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Illi l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi tapplika, kif ġie ritenut f'bosta sentenzi tat-tribunali tagħna, anki meta l-azzjoni tiġi riproposta f'Qorti diversa minn dik li quddiem-ha kienet ġiet qabel proposta;

Illi l-attriċi ma tikkontrastax il-fatt allegat mill-konvenut Meli Bugeja, jiġifieri li rriproponiet l-azzjoni mingħajr ma realment irrifondiet l-ispejjeż tal-ġudizzju li għalieh irrinunzjat;

Illi l-attriċi lanqas ma tista' tissupplixxi għad-difett tar-rifużjoni ta' dawk l-ispejjeż bl-offerta tal-ħlas tagħhom waqt it-trattazzjoni tal-kawża riproposta;

Illi l-benefizju li għalieh l-attriċi ġiet ammessa sabiex taġixxi "in forma pauperis" mhux ta' ostakolu għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq riferita;

Għaldaqstant;

Tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, u tikkundanna lill-attriċi għall-ħlas tal-ispejjeż.